C/2025/5161

28.10.2025

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) Nru 251/2014 fir-rigward ta' ċerti regoli tas-suq u miżuri ta' appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għal prodotti tal-inbid aromatizzat

(COM(2025) 137 final — 2025/0071 (COD))

(C/2025/5161)

Relatur: **Josep PUXEU ROCAMORA**

Konsulent	Ignacio SÁNCHEZ RECARTE (għar-relatur)
Proċedura leġiżlattiva	EU Law Tracker
Konsultazzjonijiet	Parlament Ewropew, 5.5.2025 Kunsill, 8.5.2025
Bażi legali	Artikoli 43(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Dokument tal-Kummissjoni Ewropea	COM(2025) 137 final
Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) rilevanti	SDG 12 — L-iżgurar ta' tendenzi ta' konsum u produzzjoni sostenibbli
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	25.6.2025
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	17.7.2025
Sessjoni plenarja Nru	598
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	153/3/2

1. RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)

1.1. jenfasizza l-importanza soċjoekonomika tas-settur tal-inbid għall-Unjoni Ewropea ([1]).

(i) B'EUR 100 biljun f'valur tas-suq, dan jikkontribwixxi EUR 130 biljun għall-PDG tal-UE. L-inbejjed Ewropej ġew esportati lejn 194 pajjiż differenti fl-2022, b'valur totali tal-esportazzjoni ta' EUR 17,9 biljun, u għandhom rwol kruċjali fejn l-esportazzjonijiet tal-inbid waħidhom naqqsu l-bilanċ tad-defiċit kummerċjali tal-UE b'3,7 %.

(ii) Dan jikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ soċjali billi jiġġenera total ta' 2,9 miljun impjieg, li qed jagħtu nifs ġdid liż-żoni rurali li qed jiffaċċjaw id-depopolazzjoni. Dan is-settur juri produttività eċċezzjonali, u jagħti valur miżjud akbar għal kull impjegat meta mqabbel ma' attivitajiet simili f'setturi oħra f'kull stadju tal-katina tal-valur (+ 90 % għat-tkabbir tal-għeneb meta mqabbel mal-produzzjoni tal-għelejjel u tal-annimali; + 16 % għall-produzzjoni tal-inbid meta mqabbel mal-manifattura; u + 5 % għall-kummerċjalizzazzjoni tal-inbid meta mqabbel ma' attivitajiet tal-ikel u tax-xorb). Barra minn hekk, l-azjendi agrikoli tal-inbid jħallu 15 % aktar qligħ mill-azjenda agrikola medja fl-UE, u joffru alternattiva ekonomika vijabbli għan-nies li jgħixu f'żoni rurali.

([1]) Rapport ta' PwC 2024 għal Comité Européen des Entreprises Vins dwar "Economic, social and environmental importance of the wine sector in the EU" (L-importanza ekonomika, soċjali u ambjentali tas-settur tal-inbid fl-UE [mhux disponibbli bil-Malti]): https://www.dropbox.com/scl/fi/m0780by1gj1vnzfl1qo4n/Report-PwC-on-EU-wine-sector_full_032024.pdf?rlkey=dui2nddbh4mxtj8q942x78q99&e=1&dl=0.

(iii) B'aktar minn 3,1 miljun ettaru ta' dwieli f'żoni fejn spiss ma jkun hemm l-ebda alternattiva ekonomika oħra, is-settur tal-inbid għandu rwol kruċjali fiż-żamma tal-popolazzjoni fiż-żoni rurali. Il-maġġoranza taż-2,2 miljun azjenda tal-inbid tal-UE huma operazzjonijiet fuq skala żgħira iżda, minkejja d-daqs tagħhom, dawn il-vinji jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ekonomiji rurali u għall-produzzjoni tal-inbid tal-UE. Ir-reġjuni rurali fejn l-art bil-vinji qed tikber kważi rnexxielhom iżommu l-livelli tal-popolazzjoni tagħhom, u esperjenzaw biss tnaqqis żgħir ta' 0,4 %. B'kuntrast ma' dan, iż-żoni bi tnaqqis ta' vinji esperjenzaw tnaqqis aktar sinifikanti (ta' 2,6 %) — 6,5 drabi — fid-daqs tal-popolazzjonijiet tagħhom.

(iv) Il-kontribuzzjoni fiskali totali tas-settur tal-inbid kienet ta' kważi EUR 52 biljun fl-2022 b'kontribuzzjonijiet soċjali li jammontaw għal aktar minn 57 % tagħhom, li jirrappreżentaw madwar 0,7 % tan-nefqa tal-amministrazzjoni pubblika tal-UE.

(v) Lil hinn mill-implikazzjonijiet ekonomiċi diretti tiegħu, is-settur tal-inbid Ewropew jirrappreżenta tradizzjoni kulturali b'għeruq fondi fin-nisġa soċjali. Dan is-settur jirrifletti wirt rikk, iffurmat minn sekli ta' storja u innovazzjoni, fejn kull lokalità tikkontribwixxi biex verament jinħoloq mużajk ta' reġjuni ta' produzzjoni. Il-vitikultura ma tikkonċernax biss il-produzzjoni tal-inbid; hija tinkorpora wkoll stil ta' ħajja, identità kollettiva u konnessjoni ma' territorju. Il-pakkett tal-inbid tal-UE għandu għalhekk jimmira mhux biss li jiżgura l-kompetittività u jħeġġeġ l-investiment iżda wkoll li jippreserva din in-nisġa soċjali u kulturali li tgħaqqad liċ-ċittadini, billi jenfasizza s-sinerġiji bejn l-ekonomija, l-ambjent u l-kultura. Dan se jgħin biex iqawwi l-ispirtu tar-reġjuni tal-inbid u jiżgura futur sostenibbli għal dan is-settur ikoniku.

1.2. jinnota l-importanza kulturali tal-inbid fl-UE u jitlob li l-Kummissjoni Ewropea tiddefendi l-kultura tal-inbid billi tappoġġja b'mod effettiv l-implimentazzjoni ta' programmi li jgħinu biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar il-konsum b'mod informat u responsabbli tal-inbid;

1.3. jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, li għandha l-għan li tgħammar lis-settur Ewropew tal-inbid b'għodod aħjar biex jiffaċċja l-isfidi multipli identifikati mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Politika tal-Inbid;

1.4. jitlob li l-appoġġ politiku jkun abbinat ma' baġit ambizzjuż għal interventi speċifiċi fis-settur tal-inbid;

1.5. jissottolinja l-importanza li jiġu żviluppati programmi edukattivi, kif ukoll proġetti ta' riċerka u żvilupp, biex jakkumpanjaw l-inizjattivi tal-kumpaniji tal-inbid u tal-ħaddiema fis-settur tal-inbid biex jappoġġjawhom fit-tranżizzjoni li għaddejja tas-settur;

1.6. jissottolinja li r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli u l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tħejjew qabel ma s-sitwazzjoni fis-swieq internazzjonali tal-inbid marret għall-agħar drastikament wara d-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-Istati Uniti li tapplika tariffi addizzjonali fuq l-inbejjed tal-UE; jemmen li fil-futur jista' jkun meħtieġ aktar appoġġ biex iwieżen il-kompetittività internazzjonali tal-inbejjed tal-UE;

1.7. jirrakkomanda li jsir titjib addizzjonali fil-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċja s-settur tal-inbid tal-UE u biex tiġi żgurata ekonomija tal-inbid f'saħħitha, sostenibbli u kompetittiva fit-tul;

1.8. minkejja li jaqbel li l-istrateġiji futuri tat-tħawwil għandhom jgħinu biex il-potenzjal tal-produzzjoni jiġi adattat għad-domanda tas-suq, iqis li l-lista ta' limitazzjonijiet dettaljati fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea hija restrittiva wisq u jaf ma tissodisfax is-sitwazzjonijiet kollha;

1.9. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li testendi l-validità tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija għat-tħawwil mill-ġdid, iżda jirrakkomanda li l-validità tagħhom tiġi limitata għal 6 snin biex tippermetti ppjanar ċar għall-ġestjoni tal-potenzjal fiż-żoni individwali ta' Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta u ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti;

1.10. jilqa' b'sodisfazzjon l-awtorizzazzjoni ta' pagamenti nazzjonali għall-qtugħ bikri volontarju u l-qlugħ tad-dwieli volontarju ta' vinji produttivi bħala għodod addizzjonali għall-ġestjoni tal-provvista, minħabba l-kosteffettività tagħhom biex l-inbid żejjed jitneħħa mis-suq qabel ma jiġi prodott.

1.11. jilqa' bi pjaċir il-proposta biex fil-livell tal-UE jiġi rregolat l-użu ta' ċerti termini li jintużaw b'mod wiesa' u, għalhekk, jinftiehmu sew mill-konsumaturi għall-preżentazzjoni ta' prodotti b'kontenut ta' alkoħol imnaqqas; jipproponi li dik il-proposta tiġi ssupplimentata b'għadd ta' termini u kundizzjonijiet oħra, kif stabbilit fl-emendi 1 u 3 (hawn taħt);

1.12. ma jappoġġjax li l-espressjoni “prodotti permezz tad-dealkoħolizzazzjoni” ssir obbligatorja fil-preżentazzjoni ta’ nbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati;

1.13. jirrakkomanda, kif stabbilit fl-emenda 2, li fir-Regolament tiġi inkluża referenza għas-simbolu jew il-pittogramma eżistenti li għandhom jintużaw għall-identifikazzjoni mingħajr użu ta’ lingwa fir-rigward tal-mezzi elettroniċi li jagħtu l-informazzjoni li tinsab fuq it-tikketta. Barra minn hekk, għal fehim aħjar tal-konsumatur, il-KESE jipproponi li l-valur enerġetiku jintwera viċin ħafna ta’ dawk il-mezzi elettroniċi;

1.14. jirrakkomanda li titneħħa l-indikazzjoni obbligatorja tal-lista ta’ ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni meta l-inbejjed tal-UE jiġu esportati barra mill-UE, peress li dawn ir-rekwiżiti jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor;

1.15. jissuġġerixxi li jitwessa’ l-ambitu tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni Ewropea biex, wara konsultazzjoni bir-reqqa mal-organizzazzjonijiet professjonali u l-gruppi ta’ esperti rilevanti, tkun tista’ tiżviluppa regoli ulterjuri permezz ta’ atti delegati dwar i) l-użu ta’ mezzi elettroniċi għall-għoti ta’ informazzjoni obbligatorja u volontarja u ii) il-forma u t-tqassim tal-informazzjoni pprovduta b’mezzi elettroniċi;

1.16. jirrakkomanda li jiġi ċċarat li d-dispożizzjonijiet li jistipulaw id-dettalji obbligatorji li għandhom jiġu indikati fl-istess kamp viżiv japplikaw darba biss, biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn it-termini obbligatorji kollha jkun meħtieġ li jiġu replikati fuq it-tikketta ta’ quddiem meta t-termini “denominazzjoni ta’ oriġini protetta” jew “indikazzjoni ġeografika protetta” jew l-isem tad-DOP/IĠP ikunu indikati hemmhekk;

1.17. jipproponi li l-ammont globali ta’ pagamenti disponibbli fi Stat Membru fi kwalunkwe sena partikolari għall-pagamenti nazzjonali għad-distillazzjoni u l-qtugħ bikri ma jaqbiżx il-15 %, minflok l-20 % proposti. Barra minn hekk, il-KESE jissuġġerixxi li l-qlugħ mill-għeruq volontarju jiġi inkluż fil-miżuri koperti minn dawn il-limitazzjonijiet;

1.18. jipproponi li l-benefiċjarji tal-pagamenti għad-distillazzjoni f’każ ta’ kriżi ma jkunu eliġibbli taħt ebda appoġġ ieħor għall-inbid għal perjodu ta’ sena u nofs;

1.19. jirrakkomanda li eżattament l-istess regoli dwar il-mezzi elettroniċi li jintużaw fuq it-tikketti kif propost għall-inbejjed jiġu applikati għall-prodotti tal-inbid aromatizzat;

1.20. jipproponi li, għall-prodotti tal-inbid aromatizzat dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati, ikun hemm dispożizzjonijiet li jistipulaw li l-aromatizzant jista’ jikkonferixxi karatteristiċi organolettiċi simili għal dawk tal-inbid, sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali għal dawn il-prodotti l-ġodda;

1.21. jilqa’ bi pjaċir il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-promozzjoni tat-turiżmu tal-inbid, iżda jipproponi li dan l-appoġġ jiġi estiż għall-kumpaniji tal-inbid biex jadattaw il-faċilitajiet tagħhom għaż-żjarat ta’ turiżmu tal-inbid u l-promozzjoni tagħhom, kif ukoll għall-programmi li joħolqu rabta bejn l-inbid u l-gastronomija. L-appoġġ tal-UE lill-kumpaniji tal-inbid għandu jrawwem it-tisħiħ tal-identità tal-vitikultura lokali jew reġjonali u jsaħħaħ is-sinerġiji li jirriżultaw mill-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji tal-inbid lokali;

1.22. jissuġġerixxi li jitneħħa l-limitu ta’ żmien fuq l-attivitajiet ta’ promozzjoni mmirati biex jikkonsolidaw is-sehem mis-suq;

1.23. jissuġġerixxi li, għall-attivitajiet ta’ promozzjoni u komunikazzjoni f’pajjiżi terzi, isir rieżami biex jiġu ssemplifikati l-proċeduri ta’ applikazzjoni u ġustifikazzjoni, bl-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-għajnuna, jitnaqqas il-piż amministrattiv u tittejjeb l-effiċjenza fl-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati;

1.24. jilqa’ b’sodifazzjon iż-żieda potenzjali sa 80 % tal-assistenza finanzjarja tal-UE għall-ispejjeż ta’ investiment marbuta mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih;

1.25. jipproponi li f’każ ta’ ċirkostanzi eċċezzjonali fis-swieq tal-esportazzjoni madwar id-dinja kollha jew f’każ ta’ kriżi li taffettwa s-swieq ta’ pajjiżi terzi li jirrappreżentaw aktar minn 15 % tal-esportazzjonijiet tal-inbejjed tal-UE, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal interventi ta’ promozzjoni u komunikazzjoni tista’ tiżdied sa 80 % tan-nefqa eliġibbli.

2. **NOTI TA' SPJEGAZZJONI**

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet 1.1 sa 1.7 dwar il-ħtieġa ta' proposta għal pakkett ta' politika dwar l-inbid u l-kontenut ġenerali tiegħu

2.1. Il-KESE jappoġġja l-proposta għal pakkett ta' politika dwar l-inbid bl-għan li jindirizza l-isfidi li qed jiffaċċja s-settur tal-inbid tal-UE li jinkludu: min-naħa tad-domanda, xejra kontinwa u fit-tul ta' tnaqqis sinifikanti fil-konsum u bidla fil-preferenzi tal-konsumatur minħabba bidliet fis-soċjetà; u, min-naħa tal-produzzjoni, inċertezza dejjem tikber fir-rigward tal-produzzjoni minn sena għall-oħra minħabba t-tibdil fil-klima u avvenimenti estremi tat-temp aktar frekwenti u intensi.

2.2. Minn meta ġiet ippubblikata l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, is-sitwazzjoni fis-settur tal-inbid kompliet tmur għall-agħar. Wara l-5 ta' April, il-prodotti tal-inbid ġew soġġetti għal tariffi addizzjonali fis-suq tal-Istati Uniti, li huma bil-bosta l-klijent ewlieni għall-inbejjed tal-UE, li jirrappreżentaw 28 % tal-esportazzjonijiet globali tal-inbid tal-UE. Lil hinn mis-suq tal-Istati Uniti, iż-żieda f'daqqa fit-tensjonijiet u l-ostakli għall-kummerċ madwar id-dinja qed ikollha impatt negattiv fuq il-prospetti ekonomiċi u tal-konsum fi swieq oħra ta' pajjiżi terzi u qed tiġġenera inċertezza enormi kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi, li se taffettwa b'mod negattiv l-investiment u l-kompetittività tal-kumpaniji tal-inbid tal-UE.

2.3. Minħabba l-impatt soċjoekonomiku tas-settur tal-inbid tal-UE u r-rwol kruċjali li għandu fir-rivitalizzazzjoni taż-żoni rurali tal-UE, huwa essenzjali li tissaħħaħ is-sostenibbiltà fit-tul tiegħu.

2.4. Meta jitqies li l-konsum responsabbli u moderat tal-inbid — li huwa l-mod kif il-maġġoranza l-kbira tal-konsumaturi tal-inbid igawdu l-inbid — qed jiġi stigmatizzat minħabba li qed titneħħa d-distinzjoni bejn l-abbuż tal-alkoħol minn naħa, u l-konsum tal-inbid b'mod informat u responsabbli min-naħa l-oħra, il-KESE jqis li huwa meħtieġ li tiġi promossa l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fir-Regolament dwar il-Pjani Strateġiċi ([2]) li jgħinu għas-sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi dwar il-konsum responsabbli tal-inbid.

2.5. Il-KESE jilqa' l-proposta mressqa mill-Kummissjoni, iżda jemmen li l-pakkett tal-politika dwar l-inbid jista' jiġi emendat biex jirrifletti aħjar dan il-kuntest li qed jiddeterjora sabiex jiġu żgurati għajnuna u appoġġ sostanzjali u immedjat għas-settur tal-inbid tal-UE.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet 1.8 sa 1.10 u 1.17 sa 1.18 dwar il-kontroll tal-potenzjal tal-produzzjoni

2.6. Il-KESE jappoġġja l-proposta li testendi l-validità tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid, iżda jqis li huwa importanti li ma jiġix previst perjodu ta' żmien twil wisq li jista' jikkomplika l-ġestjoni u l-ippjanar fuq terminu medju tal-potenzjal tal-produzzjoni f'denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti.

2.7. Il-KESE jemmen li wħud mir-restrizzjonijiet proposti jistgħu jkunu ostaklu għall-mira ta' adattament tal-potenzjal tal-produzzjoni skont id-domanda tas-suq, kif stabbilit fil-proposta għall-Artikolu 63(3), peress li s-sitwazzjonijiet jistgħu jvarjaw f'"reġjun tal-produzzjoni" jew "żona ġeografika", skont it-territorji f'livell ta' sottoreġjun u/jew it-tipi ta' prodotti (eż. inbejjed bojod jew inbejjed ħomor). Barra minn hekk, il-kunċett ta' "rendiment medju" ma jiffunzjonax u jista' jwassal għal interpretazzjonijiet u modi ta' kalkolu ferm differenti minn Stat Membru jew operatur għal ieħor. Waqt li l-Artikolu 66(3) attwali diġà jippermetti xi restrizzjonijiet, tali proposta tista' twassal għal restrizzjonijiet estensivi u sproporzjonati dwar kif tiġi applikata l-awtorizzazzjoni għat-tħawwil mill-ġdid. Bl-istess mod, restrizzjoni fuq it-tħawwil mill-ġdid fl-istess żona ġeografika jew bl-istess varjetà jew metodu ta' produzzjoni jew fl-istess reġjun ta' produzzjoni tista' taffettwa l-flessibbiltà u l-għażliet tal-kumpaniji individwali biex jadattaw għad-domanda tas-suq, b'mod partikolari fir-rigward ta' prodotti ġodda. Min-naħa l-oħra, il-KESE jipproponi li tiġi stabbilita limitazzjoni sabiex il-benefiċjarji tal-pagamenti għad-distillazzjoni f'każ ta' kriżi ma jkunux eliġibbli taħt xi programm ieħor ta' appoġġ għall-inbid għal perjodu ta' sena u nofs.

2.8. Il-KESE jappoġġja l-enfasi speċifika fuq il-ħsad bikri volontarju f'każijiet ġustifikati ta' kriżi, bħala miżura kosteffettiva biex jiġi kkontrollat il-potenzjal tal-produzzjoni.

([2]) Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet 1.11 sa 1.12 dwar il-preżentazzjoni ta' prodotti dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati

2.9. Il-KESE jaqbel li r-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-prodotti tal-inbid dealkoħolizzati u parzjalment dealkoħolizzati jiġu supplimentati sabiex jiġi awtorizzat u armonizzat (għall-inbejjed) l-użu ta' termini użati b'mod mifrux għal prodotti oħra b'livell baxx ta' alkoħol jew mhux alkoħoliċi u li jinftiehmu faċilment mill-konsumaturi.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet 1.13 sa 1.16 dwar ir-regoli dwar it-tikkettar tal-inbid

2.10. L-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiżgura li jiġu kompluti r-regoli attwali dwar it-tikkettar elettroniku b'rabta mad-dispożizzjoni dwar l-identifikazzjoni b'mezzi elettroniċi hija pass fid-direzzjoni t-tajba; dan isegwi r-rakkomandazzjoni maħruġa mill-Grupp ta' Livell Għoli biex l-operaturi kollha jkunu jistgħu jiffrankaw il-ħin u l-kostijiet fuq it-tikketti fiżiċi, u b'ħekk jiffaċilitaw il-kummerċ u l-esportazzjonijiet, u jissodisfaw l-obbligu mandatorju li jipproteġu lill-konsumaturi u jiżguraw id-dritt tagħhom li jaċċessaw faċilment l-informazzjoni. Madankollu:

— minħabba n-nuqqas ta' approċċ armonizzat u l-ħtieġa li jiġi protett is-Suq Uniku, hemm ħtieġa urġenti li tiġi identifikata sistema mingħajr użu ta' lingwi bbażata fuq pittogramma jew simbolu għall-identifikazzjoni b'mezzi elettroniċi. Għalhekk huwa kruċjali li l-modalitajiet armonizzati konkreti ta' soluzzjoni mingħajr użu ta' lingwi jiġu introdotti direttament fl-att bażiku.

— minħabba d-diffikultà li l-kumpaniji tal-inbid għandhom biex jidentifikaw meta u jekk il-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz ma tippermettix jew titbiegħed mid-dispożizzjonijiet tal-UE dwar l-indikazzjoni tal-lista ta' ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, ikun aħjar li jitneħħa r-rekwiżit li jiġu indikati dawn id-dettalji meta l-inbejjed tal-UE jiġu esportati lejn pajjiżi terzi.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet 1.19 u 1.20 dwar il-prodotti tal-inbid aromatizzat

2.11. Ir-regoli dwar il-produzzjoni u l-preżentazzjoni tal-prodotti tal-inbid aromatizzat għandhom jirriflettu, fejn applikabbli, l-iżviluppi fir-regoli dwar il-produzzjoni u l-preżentazzjoni tal-inbejjed.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet 1.21 sa 1.25 dwar it-titjib tar-regoli dwar l-interventi fis-settur tal-inbid

2.12. Minkejja li l-interventi ta' promozzjoni u komunikazzjoni huma whud mill-għodod ewlenin biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-inbid tal-lum, l-operaturi tal-inbid ma jistgħux jagħmlu l-aħjar użu minnhom minħabba l-qafas regolatorju kumpless li jirregolaha. Il-KESE jipproponi li tiġi ffaċilitata aktar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura:

— permezz tal-eliminazzjoni ta' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-effiċjenza sħiħa tal-miżura, jiġifieri l-limitu ta' żmien impost għall-attivitajiet ta' promozzjoni mmirati lejn il-konsolidazzjoni tas-sehem mis-suq. It-tul ta' żmien propost ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' promozzjoni mmirati lejn il-konsolidazzjoni tas-swieq f'pajjiżi terzi għadu restrittiv ħafna; u

— jipproponi li jiġu rieżaminati r-regoli li jagħmluha ħaġa kkumplikata għall-operaturi tal-inbid biex jimplimentaw programmi ta' promozzjoni.

2.13. Meta jitqies li l-fabbriki tal-inbid huma l-aħħar ħolqa fil-katina tal-produzzjoni u l-postijiet li fil-fatt iżuru t-turisti, huwa importanti li l-miżuri li l-kumpaniji tal-inbid jieħdu biex jadattaw il-faċilitajiet tagħhom għall-implimentazzjoni u/jew għall-promozzjoni tat-turiżmu tal-inbid jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri li jirċievu appoġġ mill-UE. Madankollu, l-appoġġ għandu jitqies b'mod olistiku, peress li t-turiżmu tal-inbid jeħtieġ ħiliet ġodda fi ħdan il-kumpaniji tal-inbid, b'mod partikolari għal operazzjonijiet immexxija mill-familja. Huwa essenzjali li jittejbu l-ħiliet tas-sidien u l-impjegati tal-vinji permezz ta' programmi edukattivi bbażati fuq it-tagħlim mill-aħjar prattiki. Meta jitqies l-effett multiplikatur pożittiv li jista' jinħoloq meta l-attivitajiet tat-turiżmu tal-inbid ikunu parti minn network ikkoordinat, huwa kruċjali li jiġu inkorporati żviluppi bbażati fil-komunità li jagħmlu l-fabbriki tal-inbid attraenti għall-konsumaturi fuq skala ta' reġjun tal-inbid. Għalhekk, l-approċċ ta' appoġġ tal-UE għandu jqis dawn l-elementi biex jippermetti sinerġiji reali fil-livell lokali u jtejjeb l-attraenza tat-turiżmu tal-inbid, waqt li jippreserva l-awtentiċità tar-reġjuni tal-inbid.

3. **EMENDI PROPOSTI GĦALL-PROPOSTA LEĠIŻLATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA**

Emenda 1

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.9 — [l-Artikolu 119(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Artikolu 1, punt 5 ta' COM(2025) 137 final]

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
(i) ***it-terminu*** "mingħajr alkoħol" jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott ma taqbiżx 0,5 % skont il-volum; ***akkumpanjata*** mill-espressjoni "0,0 %", jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott ma taqbiżx 0,05 % skont il-volum;	(i) ***it-termini "dealkoħolizzat",*** "mingħajr alkoħol" jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott ma taqbiżx 0,5 % skont il-volum; ***alternattivament, jistgħu jkunu akkumpanjati*** mill-espressjoni "0,0 %", jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott ma taqbiżx 0,05 % skont il-volum;
(ii) ***it-terminu "b'ammont ta' alkoħol ħafif"*** jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott tkun 'il fuq minn 0,5 % skont il-volum u tkun ***mill-inqas 30 %*** inqas mill-qawwa alkoħolika proprja minima tal-kategorija qabel id-dealkoħolizzazzjoni.	(ii) ***it-termini "parzjalment dealkoħolizzat", "livell baxx ta' alkoħol" jew "livell ta' alkoħol imnaqqas"*** jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott tkun 'il fuq minn 0,5 % skont il-volum u tkun inqas mill-qawwa alkoħolika proprja minima tal-kategorija qabel id-dealkoħolizzazzjoni.

Raġuni

Din l-emenda għandha l-għan li tipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa għall-preżentazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-prodotti ġodda u tneħħi l-kriterju ta' "30 %" mhux meħtieġ, sabiex jiġi evitat li tinħoloq lakuna legali għall-prodotti tal-inbid.

Kwalunkwe konfużjoni possibbli għall-konsumaturi diġà hija soġġetta għar-regoli tal-UE dwar il-komunikazzjoni u r-reklamar qarrieqa.

Emenda 2

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1(11) — [l-Artikolu 119 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013]

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
	6 (ġdid). Meta tiġi pprovduta d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u/jew il-lista ta' ingredjenti b'konformità mal-paragrafi (4) u (5) ta' dan l-Artikolu u indikazzjonijiet obbligatorji jew volontarji oħra stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE jew dik nazzjonali, il-mezzi elettroniċi għandhom: i. ikunu mingħajr użu ta' lingwa u identifikati permezz ta' pittogramma internazzjonali jew simbolu ISO eżistenti; ii. jidhru viċin ħafna tal-valur enerġetiku. It-tikketti tal-inbid li jużaw modalitajiet oħra għall-preżentazzjoni tal-mezzi elettroniċi jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

Raġuni

L-emenda tiċċara li l-identifikazzjoni tal-mezzi diġitali jeħtieġ li tkun ibbażata fuq soluzzjoni armonizzata mingħajr użu tal-lingwi sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-prodotti tal-inbid.

Emenda 3

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.9

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
"Il-prodotti tad-dwieli tal-kategoriji stabbiliti fil-punti (4) ***u*** (7) jistgħu jinkisbu wkoll, ***rispettivament,*** bit-tieni fermentazzjoni ta'nbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati, jew biż-żieda tad-diossidu tal-karbonju magħhom, imsemmija fil-punt (1).	"Il-prodotti tad-dwieli tal-kategoriji stabbiliti fil-punti (4)***, (5), (6),*** (7)***, (8) u (9)*** jistgħu jinkisbu wkoll, rispettivament, bit-tieni fermentazzjoni ta'nbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati, jew biż-żieda tad-diossidu tal-karbonju magħhom, imsemmija fil-punt (1).

Raġuni

Din l-emenda għandha l-għan li tiċċara li l-flessibbiltà teknoloġika li tapplika għall-inbejjed spumanti jew spumanti bil-gass dealkoħolizzati tkopri wkoll l-inbejjed semispumanti, semispumanti bil-gass jew inbejjed spumanti aromatiċi ta' kwalità.

Brussell, is-17 ta' Lulju 2025.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE